# Triq Santa Katarina u il-Gwiedi il-Qalba taż-Żejtun



*Kitba tal-Perit Ruben Abela*

**L-iżvilupp taċ-Ċentru taż-Żejtun fis-Seklu Tmintax**

Bħal ma bosta jafu, iż-Żejtun qabel is-Seklu Tmintax kien magħmul minn żewġ żoni residenzjali, jew irħula żgħar; Bisqallin, dak li llum nafuh bħala ir-Raħal t'Isfel u Biżbut, dak li nafuh bħala ir-Raħal ta' Fuq. Kien wara li bdiet tinbena il-parroċċa il-ġdida fis-sena 1692 li ċ-ċentru li nafu llum għaqqad dawn iż-żewgt irħula.

L-inħawi tal-Gwiedi, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, il-Ħerba, l-imsieraħ ta' madwar il-knisja u Triq San Girgor u wara il-knisja kienu kollu raba'. Il-bidu tal-bini tal-knisja ra miegħu interess sabiex dawn l-inħawi jibdew jiġu żviluppati. Qed nitkellmu dwar perjodu ta' ftit anqas minn mija u ħamsin sena minn meta bdiet tinbena il-Belt Valletta, u meta it-tifsil tat-toroq u l-istil tal-bini f'din il-belt kien għadu qiegħed jitqies bħala mudell għall-imgħallmin tas-sengħa tal-bini. Meta l-istil Barokk ma baqax jintuża biss fil-knejjes kbar iżda wkoll fi djar modesti imxerrda ma' l-irħula. Il-Belt Valletta kienet xempju ta' tifsila ta' belt Rinaxximentali, b'toroq dritti u twal isallbu lil xulxin, b'kuntrast għal dak li in-nies ta' dak iż-żmien kienu imdorrijin bih – it-toroq dojjoq u mserpin bħal ma nsibu fil-partijiet eqdem taż-Żejtun.

**It-Tifsila tat-Toroq**

L-inħawi tal-Gwiedi raw l-interpretazzjoni ta' dan it-tifsil u wkoll ta' l-istil arkitettoniku. Jekk wieħed jistudja l-għamla tat-toroq tal-Gwiedi wieħed mill-ewwel jara xebħ bejn l-għamla tat-toroq tal-Belt u dawn it-toroq għalkemm fi skala ferm iżgħar. It-toroq tal-Gwiedi huma kważi dritti u jsallbu lill xulxin, għalkemm ferm idjaq minn dawk tal-Belt. Huma differenti ħafna mit-toroq li nsibu fir-Raħal t'Isfel u ir-Raħal ta' Fuq.

Triq Santa Katarina minn naħa l-oħra hija importanti ħafna fit-tifsila tagħha. Jekk wieħed jinnota sew, għandu jsib li din it-triq hija f'assi kważi ċentrali mal-bieb tal-knisja. Barra minn hekk l-esperjenza li wieħed jieħu meta jitla' it-triq bil-mixi hija unika speċjalment meta wieħed jasal fit-tmiem tagħha quddiem il-knisja u tintlaħaq il-*climax* meta minn dak id-djuq tidħol għal-wesgħa ta' quddiem il-knisja u ssib dik l-arkitettura quddiemek. Il-fatt li it-triq qiegħda għat-telgħa jgħin ħafna f'din l-esprjenza. Barra minn dan il-fatt wieħed ma jridx jinsa li din it-triq mhux biss kienet id-daħla prinċipali taż-Żejtun għal dak iż-żmien, bħal ma huwa Vjal 25 ta' Nivembru illum, iżda wkoll kienet it-triq principali li kienet tintuża għall-purċissjonijiet. Hawnekk wieħed ma jridx jinsa' il-purċissjoni ta' San Girgor li kienet tara it-tmiem tagħha fiż-Żejtun.

**Id-Djar fi Triq Santa Katarina....**

Meta wieħed jipprova jqabbel it-tip ta' djar li nsibu f'din it-triq ma' djar oħrajn li nsibu f'inħawi oħra taż-Żejtun mill-ewwel jintebaħ li hemm differenza kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' stil u rikezza fid-dekorazzjoni, kif ukoll fid-daqs. In-nies li bnew bosta minn dawn id-djar kienu f'qagħda finanzjarja ferm aħjar minn nies li kienu joqgħodu f'Bisqallin jew f'Biżbut. Fil-fatt bosta minn dawn id-djar, jew palazzi żgħar inbnew minn nies nobbli li ma kienux joqogħdu iż-Żejtun, iżda kienu jiġu jżuruna nhar il-purċissjoni ta' San Girgor, u kien għal din ir-raġuni li għażlu li



jibnu id-dar tagħhom fi Triq Santa Katarina. Eżempju ċar ta' dan hija *Casa Perellos* li inbniet mill-Gran Mastru Perellos. Dar oħra ta' importanza f'din it-triq hija dik li llum qed isservi ta' każin politiku ftit il-fuq mill-knisja ta' l-Ispirtu is-Santu. Din id-dar kienet tintuża bħala Tribunal Distrettwali fil-bidu tas-Seklu Dsatax. Wieħed ukoll ma jridx jinsa jsemmi il-fatt li il-knisja ta' l-Ispirtu is-Santu ma kelliex il-faċċata tħares għal fuq Triq Santa Katarina kif hija illum, iżda din giet imdawra wara li nfetħet din it-triq.

**..u fil-Gwiedi**

Id-djar fl-inħawi tal-Gwiedi, għajr għal waħda fi Triq Sant' Anġlu, huma kollha djar żgħar u modesti ħafna. L-aktar dar importanti, kemm mill-att storiku kif ukoll dak arkitettoniku hija *Casa Curmi* li insibu fi Triq Sant' Anġlu. Din id-dar kienet ir-residenza ta' Dr Paolo Curmi wieħed mis-sindki tal-bidu tas-Seklu Dsatax u missier il-fundattriċi tas-Sorijiet ta' Ġesu' Nazzarenu. Din id-dar hija interessanti ħafna fl-istil arkitettoniku tagħha speċjalment meta wieħed iħares lejn l-integrita' tad-dar mal-ġnien tagħha, li flimkien mad-dettalji arkitettonici u wkoll artistiċi (għaliex is-swali prinċipali tad-dar għandhom is-soqqfa impittra) jagħmlu kompożizzjoni Barokka mill-isbaħ u unika għaż-Żejtun.

Ta' interess ukoll insibu numru ta' bibien fi Triq il-



Kunċizzjoni li huma imdawwrin b'lavur ta' stil Barokk jew kif hu magħaruf bhala il-Gwarniċ Malti (*Melitan Moulding*).



**Inizzjattivi ta' Apprezzament**

Matul is-sena isiru diversi inizzjattivi ta' apprezzament ta' dan il-wirt storiku, b'mod speċjali mill-Kunsill Lokali. Wara li tkunu qrajtu dan l-artiklu nitlobkom tilqgħu l-istedina tiegħi u matul il-ġranet tal-festa meta tkunu il-pjazza morru imxu xi ftit f'dawn it-toroq u ħarsu lejn il-bini li jsebbaħhom. Żgur li wara tkomplu tapprezzaw aktar il-wirt li ħallewlna missirijietna.

*Perit Ruben Abela*

**L-Editur, flimkien mal-persuni responsabli minn dan il-Fuljett, jawguraw il-Festa t-Tajba liż-Żwieten kollha. Jirringrazzjaw lid-ditti, ħwienet u individwi li taw ir-reklami għal din il-ħarġa. Nistiednu lill-qarrejja kollha biex jinqdew bis-servizzi ta' min qed jirriklama f'dan il-fuljett Mill-Ġdid il-Festa t-Tajba lil kulħadd**